

Brussell, 20 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

14240/23

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0132/B(COD)

CODEC 1892
VISA 207
FRONT 321
MIGR 343
COMIX 463
PE 127

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1683/95 fir-rigward tad-diġitalizzazzjoni tal-proċedura tal-viża - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Strasburgu, mis-16 sad-19 ta' Ottubru 2023)

I. INTRODUZZJONI

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 294 TFUE u tad-Dikjarazzjoni konġunta dwar arranġamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċiżjoni¹, saru għadd ta' kuntatti informali bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim dwar dan il-fajl fl-ewwel qari.

F'dan il-kuntest, il-President tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE), Juan Fernando LÓPEZ AGUILAR (S&D, ES), ippreżenta, fisem LIBE, emenda ta' kompromess (l-emenda numru 2) għall-proposta għal Regolament msemmija hawn fuq, li għaliha Matjaž NEMEC (S&D, SI) kien ħejja abbozz ta' rapport. Din l-emenda kienet ġiet maqbula matul il-kuntatti informali msemmija hawn fuq. Ma tressqet ebda emenda oħra.

¹ ĠU C 145, 30.6.2007, p. 5.

II. VOT

Meta vvotat fit-18 ta' Ottubru 2023, il-plenarja adottat l-emenda ta' kompromess (l-emenda numru 2) għall-proposta għal Regolament imsemmija hawn fuq. Il-proposta tal-Kummissjoni hekk emendata tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari li tinsab fir-riżoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu kif tinsab fl-Anness għal dan id-dokument².

Il-pożizzjoni tal-Parlament tirrifletti dak li kien intlaħaq qbil dwaru preċedentement bejn l-istituzzjonijiet. Għaldaqstant il-Kunsill għandu jkun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament.

L-att imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament.

² Il-verżjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fir-riżoluzzjoni leġiżlattiva ġiet immarkata biex tindika l-bidliet li saru bl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Iż-żidiet għat-test tal-Kummissjoni huma enfasizzati b'*tipa grassa u bil-korsiv*. Is-simbolu "■" jindika test imħassar.

P9_TA(2023)0371

Iż-Żona ta' Schengen: emenda tar-Regolament dwar l-Istiker tal-Viża

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Ottubru 2023 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1683/95, fir-rigward tad-diġitalizzazzjoni tal-proċedura tal-viża (COM(2022)0658 – C9-0307/2023 – 2022/0132B(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2022)0658),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 77(2), il-punt (a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0307/2023),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-26 ta' Ottubru 2022³,
- wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 74(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-21 ta' Ġunju 2023, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Konferenza tal-Prezidenti tas-6 ta' Lulju 2023 li tawtorizza lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jaqsam il-proposta tal-Kummissjoni msemmija hawn fuq u jħejji żewġ rapporti leġislattivi separati abbażi tagħha,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A9-0268/2023),

³ *ĠUC 75, 28.2.2023, p. 150.*

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tiddel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari tat-18 ta' Ottubru 2023 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2023/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill *li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1683/95 fir-rigward tad-diġitalizzazzjoni tal-proċedura tal-viża*

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 77(2), il-punt (a) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja²,

¹ *ĠU C 75, 28.2.2023, p. 150.*

² Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Ottubru 2023.

Billi:

- (1) *Il-politika komuni dwar il-viżi tal-Unjoni kienet parti integrali mill-istabbiliment ta' żona mingħajr fruntieri interni. Huwa importanti li l-politika dwar il-viżi tibqa' element essenzjali biex tgħin fil-ġlieda kontra r-riskji għas-sigurtà u r-riskju ta' migrazzjoni irregolari lejn l-Unjoni, filwaqt li tiffaċilita t-turiżmu u n-negozju. Biex il-proċess tal-applikazzjoni għall-viża ta' Schengen isir aktar faċli u aktar effettiv għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u għall-awtoritajiet tal-Istati Membri, jeħtieġ li l-applikazzjonijiet għall-viża ta' Schengen ikunu jistgħu jsiru online, u b'hekk isir użu sħiħ mill-iżviluppi legali u teknoloġiċi reċenti.*
- (2) *Jenħtieġ li l-viżi jinħarġu f'format diġitali uniformi biss, bħala barcode 2D, u jkun fihom l-immaġni tal-wiċċ tad-detentur tal-viża. Il-barcode 2D jenħtieġ li jkun iffirmit kriptografikament mill-Awtorità Nazzjonali taċ-Ċertifikazzjoni tal-Firem tal-Istat Membru emittenti. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1683/95³ għalhekk jenħtieġ li jiġi emendat kif xieraq.*
- (3) *Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1683/95, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴. Jenħtieġ li l-proċedura ta' eżami tintuża għall-adozzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-viża diġitali.*

³ *Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1683/95 tad-29 ta' Mejju 1995 li jistabbilixxi format uniformi għall-viżi (ĠU L 164, 14.7.1995, p. 1).*

⁴ *Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).*

- (4) *Dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li fihom l-Irlanda mhix qed tieħu sehem f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE⁵; għalhekk l-Irlanda mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhix marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.*
- (5) *Fir-rigward tal-Iżlanda u n-Norveġja, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni tagħhom mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen⁶ li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, il-punt B, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE⁷.*

⁵ *Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20).*

⁶ *ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36.*

⁷ *Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31).*

- (6) *Fir-rigward tal-Iżvizzera, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen, fis-sens tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen⁸ li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, il-punt B, tad-Deċiżjoni 1999/437/KE moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE⁹.*
- (7) *Fir-rigward tal-Liechtenstein, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fis-sens tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen¹⁰ li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, il-punt B, tad-Deċiżjoni 1999/437/KE, moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE¹¹.*

⁸ ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52.

⁹ *Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE tat-28 ta' Jannar 2008 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 53, 27.2.2008, p. 1).*

¹⁰ ĠU L 160, 18.6.2011, p. 21.

¹¹ *Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE tas-7 ta' Marzu 2011 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen, relatat mal-abolizzjoni tal-verifiki mal-fruntieri interni u l-moviment tal-persuni (ĠU L 160, 18.6.2011, p. 19).*

- (8) *Fir-rigward ta' Ċipru, u l-Bulgarija u r-Rumanija, dan ir-Regolament jikkostitwixxi att li jibni fuq, jew inkella huwa relatat ma', l-acquis ta' Schengen, rispettivament, fis-sens tal-Artikolu 3(1) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003 u tal-Artikolu 4(1) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2005.*
- (9) *Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹² u ta opinjoni fil-21 ta' Ġunju 2022¹³,*

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

¹² Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

¹³ ĠU C 277, 19.7.2022, p. 7.

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament (KE) Nru 1683/95

Ir-Regolament (KE) Nru 1683/95 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 1

1. Il-viżi maħruġa **mill-Istati Membri** f'konformità mal-Artikolu 5 għandhom ikunu magħmula **f'format diġitali** uniformi ("viża diġitali"). Dawn **għandu jkun fihom il-kampijiet tad-data** stabbiliti fl-Anness.
2. **Il-viża diġitali:**
 - (a) għandha tinħareġ bħala barcode 2D li għandu jkun iffirmit kriptografikament mill-Awtorità Nazzjonali ta' Ċertifikazzjoni tal-Firem tal-Istat Membru emittenti;
 - (b) għandu jkun fiha l-immaġni tal-wiċċ tad-detentur tal-viża; u
 - (c) għandha tkun tista' tiġi stampata.
3. **L-Istati Membri jistgħu jżidu entrati nazzjonali fit-taqsimha "kummenti" f'konformità mal-Artikolu 10(1), il-punt (n), tar-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.**

* **Ir-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar is-Sistema tal-Infommazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri dwar viżi għal soġġorn qasir, viżi għal soġġorn twil u permessi ta' residenza (Regolament VIS) (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 60)."**

(2) *l-Artikolu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:*

"Artikolu 2

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi għall-format uniformi għall-viżi diġitali relatati ma' dan li ġej:

(a) standards u metodi tekniċi:

(i) għall-kodifikazzjoni tad-data li tinsab fil-viża diġitali; u

(ii) għall-immaġni tal-wiċċ;

(b) speċifikazzjonijiet għall-ġenerazzjoni tal-verżjoni li tista' tiġi stampata tal-viża diġitali.

2. *Il-Kummissjoni, tista' tiddeċiedi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi msemmija fil-paragrafu 1 ikunu sigrieti u ma jiġux ppubblikati. F'dak il-każ, dawk l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għandhom ikunu disponibbli biss għal persuni debitament awtorizzati minn Stat Membru jew mill-Kummissjoni.*
3. *L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami li għandha tiġi applikata kif imsemmi fl-Artikolu 6(2) ta' dan ir-Regolament flimkien mad-dispożizzjoni tranżitorja fl-Artikolu 13(1), il-punt (c), tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.*

* *Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).";*

- (3) *l-Artikolu 3 huwa mħassar;*
- (4) *fl-Artikolu 4, il-paragrafu 2 huwa mħassar;*

- (5) *l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1683/95 huwa sostitwit bit-test stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.*

Artikolu 2

Il-bidu tal-ħruġ tal-viżi f'format diġitali

1. *Ladarba l-kundizzjonijiet li ġejjin ikunu ġew issodisfati, il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, li tistabilixxi d-data minn meta l-Istati Membri għandhom joħorġu viżi diġitali skont ir-Regolament (KE) Nru 1683/95 kif emendat b'dan ir-Regolament:*
 - (a) *l-atti ta' implimentazzjoni li jistabilixxu l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi msemmija fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KE) Nru 1683/95 ikunu ġew adottati;*
 - (b) *l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), stabbilita bir-Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁴ tkun iddikjarat it-tlestija b'suċċess ta' testijiet komprensivi;*
 - (c) *l-eu-LISA tkun invalidat l-arranġamenti tekniċi u legali għall-bidu tal-ħruġ tal-viżi f'format diġitali u nnotifikathom lill-Kummissjoni.*
2. *Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*
3. *Sal-1 ta' Diċembru 2026 u kull sena minn hemm 'il quddiem sa ma tiġi adottata d-deċiżjoni tal-Kummissjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-progress fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Dak ir-rapport għandu jkun fih informazzjoni dettaljata dwar l-ispejjeż imġarrba u informazzjoni dwar kwalunkwe riskju li jkollu impatt fuq l-ispejjeż totali.*

¹⁴ Ir-Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 99).

Artikolu 3
Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mid-data stabbilita mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 2(1), bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 1, il-punt 2, li għandu japplika minn ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew

Għall-Kunsill

Il-President

Il-President

ANNEX

L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1683/95 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ANNEX

Kampijiet tad-data tal-viża diġitali

- (1) Stat Membru emittenti;*
- (2) kunjom, isem;*
- (3) kunjom mat-twelid;*
- (4) data tat-twelid;*
- (5) pajjiż u post tat-twelid;*
- (6) sess;*
- (7) nazzjonalità;*

- (8) nazzjonalità mat-twelid;*
- (9) tip u numru tad-dokument tal-ivvjaġġar;*
- (10) awtorità emittenti tad-dokument tal-ivvjaġġar;*
- (11) data tal-ħruġ u tal-iskadenza tad-dokument tal-ivvjaġġar;*
- (12) l-awtorità li harghet il-viża, il-post fejn tinsab u jekk dik l-awtorità ħarġitx il-viża f'isem Stat Membru ieħor;*
- (13) post u data tad-deċiżjoni li tinħareġ il-viża;*
- (14) tip ta' viża;*
- (15) jekk applikabbli, informazzjoni li tindika li l-viża nħarġet b'validità territorjali limitata skont l-Artikolu 25(1) tar-Regolament (KE) Nru 810/2009;*

- (16) *numru tal-viża;*
- (17) *it-territorju li fih id-detentur tal-viża huwa intitolat li jivvjaġġa;*
- (18) *id-data tal-bidu u tal-iskadenza tal-perjodu ta' validità tal-viża;*
- (19) *in-numru ta' dħul awtorizzat bil-viża fit-territorju li għalih il-viża hija valida;*
- (20) *it-tul tas-soġġorn kif awtorizzat mill-viża;*
- (21) *jekk ikun applikabbli, l-istatus tal-persuna li jindika li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz huwa membru tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni li għalih tapplika d-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill * jew ta' ċittadin ta' pajjiż terz li jgawdi d-dritt ta' moviment liberu ekwivalenti għal dak ta' ċittadini tal-Unjoni skont ftehim bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u pajjiż terz, min-naħa l-oħra.*
- (22) *jekk applikabbli, l-istatus tal-persuna li jindika li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz huwa membru tal-familja ta' ċittadin tar-Renju Unit li huwa benefiċjarju tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika** (Ftehim dwar il-Ħruġ bejn l-UE u r-Renju Unit) fl-Istat ospitanti li għalih issir l-applikazzjoni għal viża;*
- (23) *entrati nazzjonali fit-taqsima "kummenti";*

(24) barra minn hekk, għal viża valida kkonfermata f'dokument tal-ivvjaġġar ġdid:

- informazzjoni dwar l-istatus li tindika li l-viża ġiet ikkonfermata;*
- l-awtorità li kkonfermat il-viża u l-post fejn tinsab;*
- post u data tad-deċiżjoni biex viża valida tiġi kkonfermata f'dokument tal-ivvjaġġar ġdid;*
- data tad-dokument tal-ivvjaġġar il-ġdid, inkluż in-numru, il-pajjiż u l-awtorità tal-ħruġ, id-data tal-ħruġ, id-data tal-iskadenza tad-dokument tal-ivvjaġġar il-ġdid;*
- numru tal-konferma;*

(25) barra minn hekk, għal viża estiża:

- **informazzjoni dwar l-istatus li tindika li l-viża ġiet estiża;**
- **l-awtorità li estendiet il-viża u l-post fejn tinsab;**
- **post u data tad-deċiżjoni;**
- **numru tal-viża estiża;**
- **id-dati tal-bidu u tal-iskadenza tal-perjodu estiż;**
- **il-perjodu tal-estensjoni tat-tul awtorizzat tas-soġġorn;**
- **it-territorju li fih id-detentur tal-viża huwa intitolat li jivvjaġġa, jekk il-validità territorjali tal-viża estiża tkun differenti minn dik tal-viża oriġinali;**
- **it-tip tal-viża estiża;**

(26) l-immagħni tal-wiċċ tad-detentur tal-viża."

* Id-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU L 158, 30.4.2004, p. 77).

** Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7)".